**18 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Josephine Borg, mart John kif minnu assistita għal kull interess li jista' jkollu skond il-liġi, Norman Bugeja, Doreen, Anna u Antoinette xebbiet, ilkoll aħwa Bugeja, u kif ukoll missierhom Victor Bugeja żewġ il-mejta Olympia Bugeja għal kull interess li jista' jkollu fil-liġi

*versus*

Dottor Anthony Fiorini

**Ir-responsabbiltà ta' Tabib - Kodiċi Ċivili, Artikoli 1074 u 1075**

*It-tabib mhux tenut għal danni riżultanti minn żball professjonali jekk dan l-iżball ma jkunx grossolan u ammeno che l-ħsara ma tistax tiġi lilu addebitata minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' "bonus pater familias".*

*Rassenja interessanti tal-ġurisprudenza fuq il-kwistjoni sa fejn għandha tasal ir-responsabbiltà tat-tabib jew kirurgu.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fl-1 ta' Novembru, 1993, li bih l-atturi - premess d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fl-4 ta' Gunju, 1993, Olympia Bugeja, illum mejta, li tiġi omm l-atturi u mart l-attur l-ieħor Victor Bugeja, ġiet rikoverata l-isptar San Luqa, fejn iddaħħlet fit-taqsima ta' kura intensiva li damet fiha sas-27 ta' Awissu, 1993, minn fejn ġiet ittrasferita għal *Ward* M4 fl-istess sptar u minn fejn wara ġiet rilaxxjata sabiex tiġi rikoverata għall-isptar Zammit Clapp fis-7 ta' Settembru, 1993;

Premess li meta l-imsemmija Olympia Bugeja fis-7 ta' Settembru, 1993, meta ġiet hekk rikoverata fl-isptar Zammit Clapp, hi waqgħet taħt il-kura tal-konvenut Dottor Fiorini u dan waqqfilha s-somministrazzjoni ta' numru ta' pilloli illi kienet tieħu fost oħrajn: Isordil, Nitrodem Patches, Deltiazem, Gaxiscon u asperina, liema pilloli kienet teħodhom peress li kienu neċessarji u relatati mal-kundizzjoni tagħha;

Premess li fl-20 ta' Settembru, 1993, l-imsemmija Olympia Bugeja ntbagħtet id-dar nonostante li kellha bżonn anke maskra ta' l-ossiġnu biex tirrespira sewwa u fit-23 ta' Settembru, reġgħet

ġiet ammessa fl-isptar San Luqa fejn l-atturi ġew infurmati mill-Professur C. Mallia, illi l-imsemmija Olympia Bugeja ser terġa' tiġi sottoposta għall-kura u trattament mediku u li għalhekk kien jeħtieġ li tinzamm l-isptar San Luqa;

Premess li *ciononstante* Olympia Bugeja mietet fis-26 ta' Settembru, 1993;

Premess li l-mewt tagħha kienet ikkawżata jew li kkontribwixxa għaliha l-fatt li l-konvenut Dottor Fiorini m'eżerċitax il-professjoni tiegħu b'nuqqas ta' arti u sengħa u mingħajr ħila fl-eżerċizzju ta' l-istess u/jew li fil-kors ta' l-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu kien negliġenti u traskurat;

Premess li l-atturi għandhom kull interess fil-liġi li jaġixxu bil-kawża odjerna;

Talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li fil-kors tal-kura u medikament minnu mogħtija u somministrati lill-imsemmija Olympia Bugeja, l-konvenut m'eżerċitax il-professjoni tiegħu b'nuqqas ta' arti u sengħa *u mingħajr ħila fl-eżerċizzju ta' l-istess u/jew li fil-kors ta'* l-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu kien negliġenti u traskurat; u

2. sussegwentement tiddikjara li l-mewt ta' Olympia Bugeja ġrat b'konsegwenza ta' dan kollu u/jew li dan kollu fil-parametri ta' l-ewwel talba ikkontribwixxa għall-mewt ta' l-istess Olympia Bugeja;

Bl-ispejjeż u b'riserva ċara għal kull azzjoni tad-danni ulterjuri li tista' tispetta lill-atturi skond il-liġi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dr. Anthony

Fiorini pprezentat fis-7 ta' Diċembru, 1993, li biha eċċepixxa:

1. Illi huwa ma naqas bl-ebda mod u eżerċita l-professjoni medika tiegħu b'mod korrett fil-konfront ta' Olympia Bugeja u għalhekk mhux talli ma kkontribwiex għall-mewt ta' l-istess Bugeja iżda għamel dak kollu possibbli biex jipprevjeni u jipposponi l-mewt tagħha;

2. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet il-provi;

Rat illi f'ċertu stadju l-Qorti dehrilha li kien neċessarju illi jkollha l-assistenza ta' Perit Tekniku in vista tar-riżultanzi proċesswali sa dak il-mument;

*Rat in-nomina tal-Professur Dottor Frederick* Fenech għal dan l-iskop;

Rat il-provi prodotti sussegwentement fil-preżenza ta' l-istess Professur Fenech;

Semgħet it-trattazzjoni ta' *l-abbli* difensuri u rat ir-riferenzi li huma għamlu;

Ikkunsidrat:

Illi jingħad mill-ewwel illi din il-Qorti tat preċedenza lil din il-kawża fuq kawżi oħrajn, anke għar-rigward tas-smigħ tal-provi, li wħud minnhom saru f'seduti li nżammu appożitament wara nofsinhar, għar-raġuni li din il-Qorti jidhrilha li tali kawżi jimportaw trawma psikoloġika sakemm jinstemgħu kemm fuq l-atturi kif ukoll fuq il-konvenut, u dan għal raġunijiet faċilment komprendibbli;

Il-Qorti trid tgħid mill-ewwel ukoll illi tali kawżi m'humiex komuni fil-ġurisprudenza tagħna, u konsegwentement jimmeritaw ċertu studju. Il-Qorti teżamina l-ewwel x'inhuma l-premess ta' l-atturi. Dawn il-premessi huma kif ser jingħad:

1. li meta Olympia Bugeja ġiet rikoverata fl-Isptar Zammit Clapp fis-7 ta' Settembru, 1993, hija waqgħet taħt il-kura tal-konvenut, u dan waqqfilha s-somministrazzjoni ta' numru ta' pilloli li kienet qiegħda tieħu qabel, pilloli li wħud minnhom ġew elenkati fil-premessi taċ-ċitazzjoni;

2. It-tieni premess hija illi fl-20 ta' Settembru, 1993, l-imsemmija Olympia Bugeja ntbagħtet id-dar *nonostante* li kellha bżonn anke maskra ta' ossiġnu biex tirrespira sewwa;

Ikomplu l-premess illi fit-23 ta' Settembru, hija reġgħet ġiet ammessa fl-Isptar San Luqa fejn l-atturi ġew infurmati mill-Professur Mallia li l-imsemmija Olympia Bugeja kellha terġa' tiġi sottoposta għall-kura u trattament fl-Isptar San Luqa;

Huwa fuq dawn iż-żewġ premessi illi t-talba ta' l-atturi hija li din il-Qorti għandha tiddikjara li fil-kors tal-kura u medikament mogħti u somministrat mill-konvenut lill-imsemmija Olympia Bugeja huwa m'eżerċitax il-professjoni tiegħu b'dik il-ħila, arti u sengħa li tesiġi l-liġi, u/jew li fil-kors ta' l-istess eżerċizzju tal-professjoni tiegħu huwa kien negliġenti u traskurat;

L-ewwel premessa:

Din tirriferixxi għall-allegazzjoni illi l-mediċinali li kienet qegħda tieħu l-pazjenta waqt li kienet rikoverata fl-Isptar San Luqa ma baqgħux jingħatawlha meta marret Zammit Clapp;

Jingħad mill-ewwel illi waqt il-kors tas-smigħ tal-kawża din l-allegazzjoni mhux talli ma ġietx ippruvata iżda ġie ppruvat proprju l-kuntrarju;

Irriżulta di fatti, kif semgħet din il-Qorti u l-Perit Mediku, illi meta l-pazjenta ħarġet mill-Isptar f'Mejja 1993, hija kienet qegħda tieħu l-mediċini ndikati fil-"karta s-safra" tagħha u ċjoè dawk elenkati fix-xhieda tal-Professur Mallia, riprodotti fl-ewwel faċċata tar-rapport tal-Professur Fenech;

Meta reġgħet ġiet rilaxxjata mill-Isptar San Luqa u mibgħuta Zammit Clapp hija kienet qiegħda tieħu l-istess mediċini ħlief għat-Tagamet flok id-Diltiazem u minħabba f'tibdil fil-kondizzjoni tagħha ma kienetx qiegħda tingħata l-mediċina msemmija bejn l-Eltroxen u l-Gaviscon;

Ġiet ittrasferita għal Zammit Clapp u hemmhekk baqgħet tieħu l-istess mediċini. Hemmhekk però tawha l-*antibiotics* Augmentin billi kien hemm suspett illi din il-pazjenta kellha xi infezzjoni fil-pulmun;

Dawn il-fatti ma ġew miċħuda minn ħadd u l-Qorti ma għandha l-ebda dubbju illi jirrispekkjaw il-verità. *Di fatti* l-atturi xehdu li huma kellhom dubbju dwar din il-kwistjoni ta' l-allegat twaqqif tal-mediċini minn konversazzjonijiet li wassluhom għal dik il-konklużjoni u mhux għaliex kienu jafu xi ħaġa *de proprio*;

It-tieni premessa hi dik illi l-pazjenta ntbagħtet id-dar meta kellha bżonn saħansitra maskra ta' l-ossiġenu u li l-mewt ta' l-istess pazjenta ġiet ikkaġunata jew ikkontribwixxi għaliha l-konvenut billi huwa ma eżerċitax il-professjoni tiegħu bl-arti u s-sengħa (iċ-ċitazzjoni fiha f'dan ir-rigwsrd negattiv doppju, imma tinftiehem);

X'inhija allura r-responsabbiltà ta' tabib fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu?

Hija responsabbiltà illi l-Qrati tagħna diversi drabi spjegawha fil-konfront tal-professjonista. Il-liġi tagħna ma tagħtix, bħalma jagħtu leġislazzjonijiet oħrajn, definizzjoni preċiża tal-grad ta' responsabbiltà li għandu jiġi eżerċitat minn tabib qua tabib. Però, naturalment, il-liġi tissoġġetta l-eżerċizzju tal-professjoni għall-grad tar-responsabbiltà li wieħed jistenna minn min ipprepara ruħu u ppreżenta ruħu biex jaġixxi f'dik il-professjoni partikolari;

Il-Qrati tagħna, effettivament, ippronunzjaw ruħhom f'diversi każijiet li dina l-Qorti sejra tissintetizza billi jidhrilha li huwa mportanti f'dan il-każ. Fil-kawża "Victor Savona *proprio et nomine* kontra Dr. Peter Asphar *et*", il-Qorti ta' l-Appell kellha quddiemha ċitazzjoni fejn l-attur, rappreżentant leġittimu ta' ibnu minuri, kif ukoll f'ismu proprju, kien talab illi l-konvenut, tabib li għamel operazzjoni lil ibnu, iħallas id-danni kollha li huwa sofra billi ħtija ta' l-istess konvenut l-imsemmi tifel tiegħu li kien taħt kura tal-konvenut, tilef riġlu u baqa' permanentement debilitat;

L-eċċezzjonijiet tal-konvenut kienu fis-sens illi l-kura u l-intervent operatorju illi huwa għamel biex ifejjaq lill-istess tifel minuri ta' l-attur mill-konsegwenzi tal-paraliżi infantili li huwa kellu, saru skond id-dettami tax-xjenza medika u rnexxew kompletament u li sussegwentement ġara xi ħaġa fid-dekors tal-kura li għaliha t-tabib ma kellux ħtija;

Il-Qorti għamlet riferenza għall-Artikoli dak iż-żmien 1074 u 1075 tal-Kodiċi Ċivili u spjegat illi l-ewwel wieħed jistabilixxi l-prinċipju li kull persuna għandha tirrispondi għall-ħsara li tiġri

bi ħtija tagħha, u t-tieni jiddisponi li jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diligenza u l-attenzjoni ta' '*bonus pater familias*', izda f'difett ta' disposizzjoni espressa fil-liġi minħabba nuqqas ta' prudenza, diligenza u attenzjoni fi grad akbar;

Il-Qorti kompliet ukoll illi in segwitu għal deċiżjonijiet oħra, fosthom deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Novembru, 1921, fil-kawża "Calafato kontra Grech", riportata fil-Kollezzjoni Vol XXIV. - I - 893:

"*La colpa è un'ipotesi giuridica e generica finchè sta nelle disposizioni della legge o sui trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili.*" Il-Qorti għalhekk ikkonfermat il-prinċipju ben not illi huwa l-attur li allega li sofra l-ħsara bi ħtija tal-konvenut illi għandu l-obbligu li jipprova l-fatt jew l-ommissjoni li juru dik il-ħtija tal-konvenut;

Il-Qorti ċċitat il-Giorgi (Delle Obbligazioni, Vol. V, par. 155, paġ. 252): "*Non può annoverarsi fra le colpe l'errore professionale, quello cioè che dipende dall'incertezza e dall'imperfezione dell'arte, non da negligenza o incapacità di chi la esercita*". U iżjed 'il quddiem: "*È scusabile soltanto quella fallibilità che è conseguenza inevitabile della imperfezione delle scienze o delle arti.*"

Il-Qorti kompliet imbagħad biex iċċitat il-Cogliolo (Scritti varii di Diritto Privato, fil-monografija "Teoria delle Colpe", Vol. II, paġ. 137) li jgħid hekk: "*Nelle professioni c'è tutto un campo insindacabile ed impunibile, ed è quello che il diritto inglese chiama 'errore di giudizio'. Il professionista, cioè di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di*

*questo errore nessuno risponde, se non è fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina."*

Il-Qorti mbagħad għamlet riferenza ukoll għad-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti, ċjoè dik tas-16 ta' Frar, 1945, fil-kawża "Buttigieg vs. Hirst *noe.*" (Kollez. Vol. XXXII - I - 163). L-istess prinċipju ġie addottat minn dina l-Qorti fit-13 ta' Frar, 1905, fil-kawża "Cremona vs. Cremona", u fil-21 ta' Jannar, 1929, fil-kawża "Barbara vs. Notaro Vella" (Kollez. Vol XXVII - I - 262), fejn jingħad li "*è presupposto imprescindibile della responsabilità pei danni che chi ne è incolpato abbia agito dolosamente, o sia almeno in colpa. La colpa, come elemento per la rifazione dei danni, non si verifica nell'avvocato o altro consulente legale per ciò solo che il giudizio da lui espresso viene dal tribunale riconsciuto erroneo, ammenochè l'errore non sia così manifesto da essere l'effetto di colposa ignoranza o di evidente incapacità."*

Il-Qorti ta' l-Appell f'dik il-kawża ċċitat ukoll il-Laurent, fejn b'riferenza għall-Artikolu 1382 u 1383 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż ta' dak iż-żmien korrispondenti għall-Artikoli 1151 u 1152 tal-Kodiċi Ċivili Taljan u korrispondenti wkoll għal-Artikoli 1074 u 1075 tal-Kodiċi Ċivili tagħna, illum l-Artikoli 1031 u 1032, fit-trattat tiegħu "Principi di Diritto Civile, Vol. XX, para. 156, paġ. 422, fuq domanda sa fejn tasal ir-risponsabbiltà ta' tabib, jgħid hekk:

"*Il magistrato ha una regola sola, quella degli art, 1382 e 1383. Nelle specie decisa dalla Corte di Bruxelles, l'attore venne ammesso a dar la prova che la perdita del braccio del figlioul suo doveva attribuirsi all'imprudenza ed alla negligenza del medico. Ciò significa che i medici vanno soggetti al diritto comune, e sono responsabili quando per effetto della loro colpa cagionano un danno. Il danno è sempre sventuratamente troppo certo in coteste deplorevoli controversie; quanto alla colpa, il tribunale*

*dovrà apprezzarla. Trattasi di una questione di fatto che sarebbe inutile tentar di risolvere in teoria. Nella causa, decisa dalla Cassazione, il procuratore generale Dupin disse a questo proposito: 'Non è possibile determinare in modo generale il limite della responsabilità dei medici. Spetta al magistrato ravvisarla in ciascuna specie, secondo i fatti e le circostanze, che possono infinitament variare, non perdendo mai di vista quel principio fondamentale che deve sempre servirgli di guida, val dire che per aversi responsabilità professionale fa d'uopo che taluno abbia commesso una colpa, non usando la voluta vigilanza sopra sè medesimo o sui propri atti, o dando prova di una ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando del pari alla giustizia e al diritto tutto quanto loro appartiene.''*

Wara dan is-sunt tal-ġurisprudenza u tad-duttrina, il-Qorti waslet għall-konkluzjoni: "Mid-duttrina u mill-ġurisprudenza fuq iċċitati għandu jiġi ritenut li t-tabib mhux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, ammenokkè dana l-iżball ma jkunx grossolan, u ammenokkè l-ħsara ma tistax tiġi lilu addebitata minħabba nuqqas ta' prudenza, diliġenza u attenzjoni ta' "*bonus pater familias*'';

Il-Qorti f'dak il-każ għamlet eżami biex tara jekk id-debilitazzjoni permanenti msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni kenitx dovuta għal żball grossolan tal-konvenut jew inkella għal imprudenza, negliġenza da parti tal-konvenut u konsegwentement dan kellu jirrispondi għal dak li ġara;

Dina l-Qorti rat ukoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-16 ta' Frar, 1945, iċċitata fil-kawża hawn fuq imsemmija, ċjoè fil-kawża "Buttigieg kontra Hirst *nomine*'', Kollez. Vol XXXII - I - 163, fejn il-Qorti qalet hekk:

"Il-professjonista mhux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali ammenokkè il-ħtija ma tkunx tista' tiġi lilu addebitata minħabba nuqqas ta' attenzjoni ta' '*bonus pater familias*'."

Interessanti wkoll l-aspett ta' responsabbiltà kriminali f'dan ir-rigward. Il-Qorti rat ukoll is-sentenza ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Perit Louis Portelli", deċiża fl-4 ta' Frar, 1961, mill-mibki Imħallef Onorevoli Dr. J. Flores, fejn il-Qorti qalet illi f'każ tal-professjonista, id-diliġenza li dan għandu jadopera hi dik ta' bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tiegħu. Jekk jieħu żball fil-professjoni tiegħu, huwa ma jirrispondix għad-danni jekk l-iżball ma jkunx grossolan u jekk tkun ġiet minnu adoperata d-diliġenza ordinarja li trid il-liġi. Huwa mhux tenut għad-danni riżultanti minn żball professjonali, ammenokkè dan l-żball ma jkunk grossolan u ammenokkè l-ħtija ma tkunx tista' tiġi lili addebitata minħabba nuqqas ta' prudenza u attenzjoni ta' missier tajjeb tal-familja."

Kwantu għad-dottrina, dina l-Qorti rat id-dettam suġġerit mill-abili difensur tal-konvenut fil-kawża "Hucks v. Cole" deċiża fl-1968, 118 NLJ 469 fejn Lord Denning qal hekk:

"*A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on a different footing to a charge of negligence against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear. With the best will in the world, things sometimes went amiss in surgical operations or medical treatment. A doctor was not to be held negligent simply because something went wrong. He was not liable for mischance or misadventure; or for an error of judgment.*

*He was not liable for taking one choice out of two or for favouring one school rather than another. He was liable when he fell below the standard of a reasonably competent practitioner in his field so much so that his conduct might be deserving of censure or inexcusable."*

F'dan ir-rigward il-Qorti rat ukoll l-Archbold, Vol. II, 1994 Edition, Section I, Chapter 19 - 110, li jgħid hekk:

*"A physician or surgeon owes a duty to the patient to use diligence, care, knowledge, skill and caution in administering treatment, and the law requires not the highest, or a very high standard, but a fair and reasonable standard of care and competence. R. vs. Bateman, 19 Criminal Appeal Reports, 8, 12, R. vs. Doharty, 16 C.C.C.P. 306, Stephen J. describes the degree of negligence by a doctor which would support a manslaughter charge in a passage specifically approved by the Court of Appeal in "Sulman and Prentice" (Reported in The Times, May 21st, 1993) as follows:*

*'Supposing a man performed a surgical operation, whether from losing his head, or from forgetfulness, or from some other reason, ommitted to do something he ought to have done, or did something he ought not to have done, in such a case there would be negligence. But if there was only the kind of forgetfulness which is common to everybody, or if there was a slight want of skill, any injury which resulted might furnish a ground for claiming civil damages . . . .*

*But if a surgeon was engaged in attending a woman during her confinement and went to the engagement drunk, and through his drunkenness neglected his duty, and the woman's life was in consequence sacrificed, there would be culpable negligence of a*

*grave kind. It is not given to everyone to be a skilful surgeon, but it is given to everyone to keep sober when such a duty has to be performed*."

In sustanza jidher illi t-teorija aċċettabbli f'dan ir-rigward m'hijiex diskutibbli;

Il-fatti tal-kawża odjerna kif irriżultaw mill-provi proċesswali huma sintesizzati b'mod suċċint u preċiż fir-rapport tal-Professur Fenech;

Għar-rigward tal-kwistjoni taċ-ċilindru ta' l-ossiġnu jidher illi t-tobba kienu rranġaw biex il-pazjenta tieħu c-cilindru ta' l-ossiġnu d-dar u effettivament dan ittieħed mill-familjari qabel ma l-pazjenta ħalliet l-Isptar;

Kwantu għall-kondizzjoni tal-pazjenta ġewwa Zammit Clapp, wara eżami tal-provi proċesswali l-Perit mediku kkonkluda illi Olympia Bugeja kienet baqgħet statika fil-kondizzjoni tagħha u dan iddesumih mill-evidenza ta' l-istaff ta' Zammit Clapp u mir-records ta' l-Isptar wara li ħa in konsiderazzjoni x-xhieda ta' l-atturi;

F'dawn iċ-ċirkostanzi jiġi mistoqsi x'kienet ir-risponsabbiltà tal-konvenut. Il-Perit mediku kkonkluda illi ma hemm ebda evidenza illi dak li ġara lil Olympia Bugeja ġie kkawżat minn xi nuqqasijiet tal-konvenut. Il-kondizzjoni tal-pazjenta kienet tali, kif spjegat fil-paragrafu penultimu tar-rapport ta' l-istess Perit, illi minħabba l-età u l-istat tal-qalb, ikkomplikat b'arrest kardijaku u n-neċessità ta' ventilazzjoni artifiċjali, li ma tantx kienet tagħti kuraġġ;

Ma jirrizultax illi l-konvenut aġixxa b'xi mod li ma huwiex

mistenni minn persuna fil-kariga tiegħu partikolari u għalhekk ma jistax *jingħad illi huwa naqas minn dak mistenni minn* professjonista fl-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu sal-grad fuq diskuss;

Għalhekk il-premessi ta' l-atturi ma jirriżultax illi ġew ippruvati;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.